# GĦALIEX JIENA GĦANDI NKUN MEMBRU FIL-KNISJA TA' KRISTU? U MHUX F'DENOMINAZZJONI

**Minn**
**George Ebejer**

# GĦALIEX JIENA GĦANDI NKUN MEMBRU FIL-KNISJA TA' KRISTU U MHUX F'DENOMINAZZJONI?

Il-fatti pprezentati f'dawn ir-raġunijiet tiegħi għaliex jiena għandi nkun membru fil-knisja ta' Kristu għandhom jiġu studjati bir-reqqa kollha minn dik il-persuna li tassew tħobb lil sidna Ġesù Kristu. Jiena ċert li inti qrajt jew smajt lil xi wħud jikkritikaw il-knisja ta' Kristu u dak li aħna nemmnu. L-iżball tagħhom huwa illi huma mhux lilna jkunu qegħdin jikkritikaw imma dak li tgħid il-Kelma ta' Alla. Jekk ix-xhieda tagħna hija qawwija biżżejjed biex ikun jistħoqqilha l-apporovazzjoni tiegħek tal-konklużjonijiet milħuqa, allura, jiena nitolbok, li inti wkoll, issir membru tal-knisja mhux denominazzjonali tal-Mulej. Jekk ix-xhieda hija dgħajfa, warrab il-konklużjonjiet u fittesx xhieda aktar qawwija mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Aċċetta biss il-Bibbja bħala awtorità divina, billi dan huwa l-uniku pjan mogħti minn Alla dwar il-veru knisja Tiegħu.

## I. AĦNA GĦANDNA NISTUDJAW IL-KELMA TA' ALLA

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna, permezz ta' l-appostlu Pawlu,

> "*Studja biex iġġib ruħek quddiem Alla, bħala bniedem li għadda mill-prova, bħala ħaddiem li m'għandux imniex jistħi, li jqassam bir-reqqa l-kelma tal-verità*" (2 Timotju 2:15).

Hemm, mela, id-diviżjoni li għandha ssir fil-post addattat.

X'parti għandu t-Testment il-Qadim fis-salvazzjoni jew fejn aħna għandna "bir-reqqa nqassmu" l-Bibbja Mqaddsa, il-kelma tal-verità? Pawlu jgħid,

> "*Il-liġi, mela, kienet tmexxina qisna tfal lejn Kristu, biex inkunu ġġustifikati permezz tal-fidi*" *(Galatin 3:24).*

Ukoll, Pawlu jgħid,

> "*Ħassar il-kont tad-dejn li kellna bl-obligi li kien hemm kontrina; neħħieh min-nofs u sammru mas-salib*" (Kolossin 2: 14).

Pawlu jgħid, f'Efesin 2:15,

> "*Billi bis-sagrifiċċju ta' ġismu neħħa l-mibegħda ta' bejnietna—ukoll il-liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha: Mittnejn, Lhud u pagani, ried b'hekk joħloq bih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem il-ġdid, u hekk iġib il-paċi.*"

F'Galatin 5:4, Pawlu jgħidilna,

> *"Intom li tfittxu l-ġustifikazzjoni fil-liġi intom maqtugħa min Kristu; intom twarrabtu mill-grazzja."*

Jiena, mela, ma nistax insib raġunijiet ll jorbtu għal dak li jiena nagħmel dwar is-salvazzjoni fil-liġi l-qadima.

Fejn, mela, għandi jiena nfittex? Isma' xi jgħid il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud,

> *"Issa l-ministeru li kiseb Kristu hu daqshekk aqwa minn dak ta' l-imgħoddi daqshekk hu aqwa l-patt li tiegħu huwa l-medjatur, għaliex patt mibni fuq wegħdiet aqwa. Għax kieku dak l-ewwel patt kien perfett, ma kienx ikun hemm għalfejn jagħmel patt ieħor floku. Imma Alla, sab x'iċanfar fihom, qalilhom: "Ara, wasal iż-żmien—igħid il-Mulej—li jiena nagħmel patt ġdid mad-dar ta' Iżrael u mad-dar ta' Ġuda." Dan ma jkunx bħall-patt li għamilt ma' missirijiethom, meta qbadthom minn idhom biex noħroġhom mill-art ta' l-Eġittu ladarba huma ma baqgħux iżommu mal-patt tiegħi, jiena wkoll tlaqthom—igħid il-Mulej—. "Dan hu l-att li jien għad nagħmel mad-dar ta' Iżrael wara dawk il-jiem—igħid il-Mulej. Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'moħħom, u jien inkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi. "Ma jgħallmux aktar wieħed lil sieħbu u wieħed lil ħuh billi jgħidu: "Agħraf lill-Mulej", għax ilkoll għad jagħrfuni, miż-żgħir nett sal-kbir nett fosthom. Jiena nħenn għalihom fil-ħażen tagħhom, u fi dnubiethom ma niftakarx iżjed." Meta tkellem minn patt "ġdid," wera li dak ta' qabel kien qadim. Issa dak li jiqdiem u jixjieħ ikun wasal biex jispiċċa."*

Inkomplu naqraw f'Lhud 9:15-17,

> *"U għalhekk hu medjatur ta' patt ġdid, testment ġdid biex, wara li seħħet il-mewt għall-fidwa tal-ħtijiet li saru fi żmien il-patt ta' qabel, dawk li huma msejħa minn Alla jiksbu l-wirt ta' dejjem li hu wegħdhom. Fejn ikun hemm testment, ikun jeħtieġ li tixxandar il-mewt ta' min għamlu. Għax test-ment jibda jgħodd wara l-mewt, u ebda saħħa ma jkollu sa-kemm dak lijkun għamlu jibqa' ħaj."*

L-appostlu Ġwani jgħid,

> *"U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja. Hu qal dan biex jurihom b'liema mewt kien sejjer imut."*

> "*Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet: li ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Sejjer inhejjilkom fejn toqogħdu*" (Ġwanni 14:2).

Dan hu, mela, xi tfisser salvazzjoni aħħarija li tiret wieħed minn dawn il-postijiet ippreparati jew imhejjija għal nies ippreparati (ara wkoll 1 Pietru 1:3-5).

Ġesù, meta tkellem dwar il-ħaqq finali, jgħid,

> "*Imbagħad is-Sultan igħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li thejjiet għalikom sa mill-ħoqlien tad-dinja*" (Mattew 25:34).

Jekk aħna għandna nirtu dan il-post ippreparat fejn ma jkun hemm ebda dnub, aħna għandna nsibu kif insiru meħlusa mid-dnub. Il-Mulej jgħidilna hekk:

> "*U tagħrfu l-verità, u l-verità teħliskom*" (Ġwanni 8:32).

Ġesù talab lill-Missier:

> "*Ikkonsagrahom permezz tal-verità: il-kelma tiegħek hi l-verità*" (Ġwanni 17:17).

Mela aħna ma nkunux magħmula meħlusa b'xi ħaġa li aħna "nħossu" li nkunu rċevejna waqt li nkunu qegħdin nitolbu għall-mejtin, jew waqt li nkunu f'xi post weħidna, imma permezz tal-verità eterna ta' Alla. Ma hemm ebda mod ieħor kif aħna nistgħu nirċievu l-maħfra ta' dnubietna. Il-bnedmin igħallmu modi oħra imma aħna naċċettaw biss dak tal-Mulej! L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Min jidhirlu li hu wieqaf, joqgħod attent li ma jaqax*" (1 Korintin 10:12).

Jiena, mela m'għandi nħares lejn it-Testment il-Ġdid, il-Liġi l-ġdida għar-raġunijiet tiegħi u xejn aktar.

## II. ĦALLI NFITTXU *KIF* IL-KELMA TA' ALLA TGĦALLEM

1. ***Permezz Ta' Kmand Speċifiku:*** Il-Kelma ta' Alla tgħallem permezz ta' kmand imfisser u muri sewwa, kmand speċifiku, eżempju bħal l-Għaxar Kmandamenti li fihom "int għandek" jew "int m'għandekx."

2. ***Permezz ta' Eżempju Approvat:*** Kif insibu fl-Ewwel Korintin 11:1, fejn Pawlu jgħid, "*Ixbħu lili, bħalma jiena nixbaħ lil Kristu.*" Ġesù ħalilna l-eżempju perfett:

> "*Għal dan intom kontu msejħa għax Kristu wkoll bata għalikom u ħallielkom eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu*" (1 Pietru 2:21).

3. ***Permezz Ta' Inferenza Neċessarja:*** Kif insibu f'Ġenesi 6:14,

> "*Agħmel għalik arka mill-injam taċ-ċipress: qassamha fi kmamar, u idlikha minn barra u minn ġewwa bil-qatran.*"

Dan ċertament juri li assolutament xejn ħlief injam taċ-ċipress (*Cladrastis lutea*) ma kien aċċettabbli.

Aħna nistgħu nirriflettu hawn fuq l-argument preżenti minn xi wħud illi "l-Iskrittura ma tgħidx sepeċifikament "m'għandnekx" (il-ħsieb wara dan hu, jekk mhux ipprojbit speċifikament dan huwa mħolli.) Din il-linja ta' raġunar hija 'l fuq mill-fehma tiegħi. Meta Alla qal lil Mosè biex ikellem lill-blata, fejn naqraw f'Numri 20:8,

> "*Ħu l-ħatar, u iġbor il-ġemgħa, inti u ħuk Aton, u kellmu quddiemhom lill-blata, u din tagħti l-ilma tagħha: u hekk int toħroġilhom l-ilma mill-blata, u tisqi lill-ġemgħa u l-bhejjem tagħhom.*"

ma kienx hemnm speċifikat "Int m'għandekx tolqotha" ukoll. Imma, jiena nemmen li kulħadd jaqbel illi kollox barra milli titkellem kien ipprojbit permezz ta' *inferenza neċessarja*. Biex tara kemm aħrax hu l-kastig ta' Alla għal min imur aktar 'il quddiem minn dak li Alla jikkmanda, aqra Numri 20:12,

> "*U l-Mulej qal lil Mosè u lil Aron: "Għax intom ma emmintux fija, u ma ħaristulix qdusiti quddiem Iżrael, intom ma daħħlux lil din il-ġemgħa fl-art li se nagħtihom.*"

U nkomplu naqraw f'Numri 27:14,

> "*Talli ksirtuli kliemi fid-deżert ta' Sin, meta l-ġemgħa ħaditha miegħi, u ma ħaristulix qdusiti quddiemhom ħdejn l-ilma." Dan hu l-ilma ta' Meriba f'Kades fid-deżert ta' sin.*"

Li żżid xi ħaġa fejn il-Kelma ta' Alla hija siekta huwa għalhekk imsejjaħ "nuqqas ta' twemmin" u "rewwixta." Ħafna eżempji oħra ta' dan il-prinċipju jistgħu jinġiebu imma dawn huma biżżejjed biex wieħed jieħu aktar bis-serjetà lil min hu sejjer jobdi u jaqdi.

Aħna, għalhekk, għandna responsabbiltà biex (1) nagħmlu dak li Alla jikkmanda, (2) biex nimxu fuq l-eżempji Skritturali, u (3) biex nosservaw struzzjonijiet murija b'mod l-aktar ċar. Xi wħud jippruvaw biex iwarrbu fil-ġenb dan il-prinċipju u jgħallmu li aħna qegħdin fil-libertà li naċċet-taw ħwejjeġ oħra li mhumiex ikkmandati fl-Iskrittura. Imma ta' dan dawn għandhom jagħtu kont lill-Mulej u lil ħadd aktar.

## III. SEWWASEW KEMM HIJA IMPORTANTI L-KNISJA?

L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha.*"

F'Mattew 16:18, il-Mulej jgħid,

> "*U jiena ngħidlek: Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-knisja tiegħi, u s-setgħat ta' post l-imwiet ma jegħelbuhiex.*" (Marti ġġib ismi.)

Pawlu jgħid,

> "*Sellmu lil xulxin b'bewsa qaddisa. Il-knejjes ta' Kristu jsellmulkom*" (Rumani 16:16).

Il-knisja tista' spiritwalment tkun imsemmija jew murija bħala l-għarusa ta' Kristu. Il-Knisja kienet importanti biżżejjed għal Kristu biex imut għaliha.

Ħalli nosservaew dawn il-fatti importanti fi ftit kliem dwar dak kollu li ntqal:

1. Jiena ma nistax niddependi fuq dak "li nħoss" għas-salvazzjoni. **Proverbji 14:12,**

   > "*Hemm triq li tidher dritta lil xi ħadd: iżda hemm triqat il-mewt fl-aħħar tagħha.*"

2. Jiena ma nistax inħares lejn it-Testment il-Qadim għall-mudell tiegħi għall-ħajja u qima. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan,

   > "*…ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu l-Liġi bil-preċetti u l-kmandamenti tagħha*" (Efesin 2:14-15).

3. Jiena ma nistax niddependi fuq it-tradizzjoni. Ġesù tkellem hekk dwar it-tradizzjonijiet:

   > "*Fiergħa hija l-qima li jagħtuni: igħallmu dottrina li mhix għar preċetti tal-bnedmin*" (Mattew 15:9).

4. Jiena ma nistax li jkolli "reliġjon antika" tiegħi. L-appostlu Pietru jgħid,

   > "*Għax issa wasal iż-żmien tal-ġudizzju, li jibda mid-dar ta' Alla. U jekk l-ewwel jibda minna, kif sa jeħilsuha dawk li ma jridux joqogħodu għal l-Evanġelju ta' Alla?*" (1 Pietru 4:17).

5. Jiena għandi niddependi fuq il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja, speċifikament it-Testment il-Ġdid, għar-raġunijiet tiegħi għal dak li jiena nagħmel reliġjożament. Il-Mulej tagħna jgħid,

"*Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum. Għax jien ma għedt xejn minn moħħi, imma kien dak li bagħatni, jiġifieri, il-Missier li ord-nali x'ingħid u x'nitkellem. U jiena naf li l-ordni tiegħu hija l-ħajja ta' dejjem. Il-ħwejjeġ li ngħid jien, ngħidhom kif qalli l-Missier*" (Ġwanni 8:48-50).

Aħna għandna naqraw it-Testment il-Qadim biex nitgħallmu minnu. Palwu jgħid:

"*Il-liġi, mela, kienet tmexxina qisna tfal lejn Kristu, biex inkunu ġġustifikati permezz tal-fidi*" (Galatin 3:24).

Pawlu jgħid ukoll f'Rumani 15:4,

"*Kull ma nkiteb fl-Iskrittura fl-imgħoddi, inkiteb għat-tagħlim tagħna, biex permezz tas-sabar u bis-saħħa tal-qalb li tagħmlilna l-Iskrittura, aħna jkollna t-tama.*"

## IV. IR-RAĠUNIJIET TIEGĦI GĦALIEX JIENA GĦANDI NKUN MEMBRU FIL-KNISJA TA' KRISTU

Għaliex jiena rrid li nkun salv—insir werriet tas-salvazzjoni. Nies salvi huma wlied Alla, ulied Alla huma "fi Kristu" (fil-knisja), jekk "fi Kristu" aħna mgħammda fi Kristu. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna,

"*Iżda lil dawk kollha li laqgħuh, tahom is-setgħa* ***li jsiru*** *wlied Alla; lil dawk li jemmnu f'ismu: Li twieldu, mhux mid-demm, u lanqas mir-rieda tal-ġisem, u lanqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla*" (Ġwanni 1:12-13; enfasi tiegħi).

Jekk int tinnota li lil dawk li "laqgħuh," lil dawk "li jemmnu f'ismu" Alla tagħom is-setgħa "**li jsiru**" wliedu u mhux "għamilhom" uliedu. Mela l-mistoqsija hawn tiġi weħidha: *Kif*, mela, dawk li "laqgħuh" u "li jemmnu f'ismu" jsiru wlied Alla? Xi wħud mhumiex lesti li jħallu l-Kelma ta' Alla Nfisha twieġeb għal din il-mistoqsija u jgħidulek li huma jsiru wlied Alla, jew ikunu salvi "bil-fidi biss." Imma minn dan li aħna għadna kif qrajna minn Ġwanni 1:12-13 naraw ċar li bil-fidi biss ma nistgħux insiru wlied Alla għaliex bil-fidi biss aħna jkollna s-setgħa minn Alla **li nsiru** u mhux li diġa' aħna wlied Alla! Imma l-Kelma ta' Alla tgħidilna b'mod l-aktar ċar **kif** dawk, li jkunu laqgħugħ u emmnu f'ismu **jsiru** wlied Alla. Isma'xi tgħid il-Kelma ta' Alla permezz ta' Pawlu:

"*Għax intom* ***ulied Alla*** *lkoll kemm intom, permezz* ***tal-fidi*** *fi Kristu Ġesù. Għax intom ilkoll* ***li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu****. Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg,*

*ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara: Għax intom ilkoll nisel Abraham, werrieta skond il-wegħda*" (Galatin 3:26-29; enfasi tiegħi).

Jista' kliem ikun aktar ċar min dan? Il-Mulej ordna biex ikun ippriedkat lill-ġnus kollha li "*Min jemmen* ***u*** *jitgħammed isalva…*" (Mark 16:16; enfasi tiegħi). Hu ma qalx li "min jemmen isalva." Lanqas ma qal li "min jitgħammed isalva." Imma qal li "min jemmen **u** jitgħammed isalva…" U dan il-kliem jaqbel perfettament ma' dak li naqraw fi Ġwanni 1:12-13 u Galatin 3:26-29. Wieħed għandu l-ewwel "jemmen" u b'hekk Alla jagħtih "is-setgħa *li jsir*" ibnu (jew bintu). Imma wara dan, hu għandu "jitgħammed" biex **isir** iben jew bint ta' Alla għaliex b'hekk biss huwa jkun jista' jilbes 'il Kristu u barra minn Kristu ma hemm ebda barka spiritwali (Efesin 1:3). Għalhekk, il-knisja hija s-salvi u jekk jiena membru tal-knisja, jiena "salv."

Hemm ħafna u ħafna nies li għandhom "bini" f'moħħhom bħala l-knisja. "L-imsejħin" minn kull nazzjon huma l-knisja. Jekk aħna nieqfu nużaw it-terminu "immorru fil-knisja" u nużaw "immorru għas-servizz tal-knisja," forsi dan isir aktar ċar. Ħalli nassigurak li jiena mhux membru tal-bini lanqas ta' xi denominazzjoni!

Jiena membru tal-knisja ta' Kristu għaliex din hija:

1. Skritturali fl-**ISEM**. Kristu qal li Hu kien se "jibni l-Knisja *Tiegħu*" (Mattew 16:18). Mela, jekk jiena nistaqsik, "ta' min hija l-Knisja?" It-tweġiba unika għandha tkun "Il-knisja hija "ta' Kristu." F'Rumani 16:16 naqraw,

   "*Sellmu lil xulxin b'bewsa qaddisa, il-knejjes kollha ta' Kristu jsellmulkom.*"

2. Skritturali fl-**ORGANIZZAZZJONI.** Minn xhiex tikkonsisti l-organizzazzjoni tal-knisja ta' Kristu?
   (1) Għandha anzjani (isqfijiet) li għandhom kwalifiki skritturali fuq il-kongregazzjoni lokali. It-terminu ragħaj, anzjan, isqof, jew presbiteru għandhom l-istess uffiċċju. Dwar dan l-uffiċċju naqraw hekk fil-bibbja Mqaddsa:

   "*Għamlulhom ukoll presbiteri f'kull knisja, u bit-talb u s-sawn ħallewhom f'idejn il-Mulej, li fih kienu emmnu*" (Atti 14:23).

   "*Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess*" (Atti 20:28).

"*Il-presbiteri, li jmexxu sewwa, jkun jistħoqqilhom ġieh għaldarbtejn, l-aktar dawk li jagħmlu x-xogħol tax-xandir tal-kelma u tat-tagħlim.*" (1 Timotju 5:17).

Persuna mhux miżżewwġa, jew wieħed li ma jkunx ta prova ta' l-abbiltà tiegħu billi jaħkem lil uliedu ma jikkwalifikax. (Ara wkoll Titu 1:5-9.)

(2) Għandha djakni li jservu taħt l-anzjani (1 Timotju 3:8-13).

(3) Għandha predikaturi li jservu taħt l-anzjani u msejħa b'ismijiet skritturali. Jistgħu jkunu msejħa ministri (Rumani 15:16); predikaturi (1 Timotju 2:7); evanġelisti (Atti 21:8); jew jistgħu wkoll ikunu msejħa ragħajja (jekk il-kwalifiki speċifikati aktar qabel ikunu jaqblu).

Titli reliġjużi, bħal "Reverend," "Father," eċċ. huma kkundannati minn Alla (Salm 111:9; Mattew 23:1-12).

3. Skritturali fil-**QIMA**

(1) Għandha t-**Talb**. Pawlu jgħidilna:

"*Itolbu bla heda*" (1 Tessalonikin 5:17).

"*Nixtieq li l-irġiel jitolbu kullimkien, jerfgħu 'l fuq idejn safja bla għadab u bla ġlied*" (1 Timotju 2:8).

(2) **Kant** mhux akkumpanjat (ebda strumenti mekkaniċi mużikali ma huma wżati, ara numru 3 ta' parti II).

**Mattew 26:30,**

"*Kantaw is-Salmi u ħarġu lejn il-għolja taż-Żebbuġ.*"

**Efesin 5:19,**

"*Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej.*"

Jiena ma nistax insib fejn kor jista' jobdi l-kmand "kantaw" għalija.

(3) **Għotja** (fl-ewwel jum tal-ġimgħa).

**1 Korintin 16:2,**

"*Kull wieħed minnkom, kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, iwarrab xi ħaġa u jfaddalha skond ma jista' biex ma jkunx hemm ġbir meta niġi.*"

**2Korintin 9:7,**

"*Kull wieħed għandu jagħti skond ma jidhirlu hu minn rajh, mhux fuq il-qalb jew bilfors; għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ.*"

(4) **L-Ikla tal-Mulej**

**Atti 20:7,**

*"Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż. Pawlu, li kellu jitlaq il-għada, qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofs-il-lejl."*

Dan ċertament ma jurix "ikla komuni" għaliex din hija kkundanat fl-1 Korintin 11:34, fejn naqraw,

*"Jekk xi ħadd ikun bil-ġuħ ħa jiekol id-dar; inkella tkunu ltqajtu għall-kundanna tagħkom. Mill-bqija, meta niġi ngħidilkom x'għandkom tagħmlu."*

(5) **Studju tal-Bibbja**

**Atti 2:42,**

*"U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb."*

4. Skritturali fit-**TERMINI TAD-DĦUL FIL-KNISJA**. wieħed għandu:

(1) **Jisma'** (Predikar tal-Kelma ta' Alla).

**Rumani 10:13-14,**

*"Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva Imma kif jist-għu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx?"*

Huwa tassew li f'dan il-vers naqraw li "*kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva*" imma s-salvazzjoni hija b'daqshekk biss, jiġifieri, billi ssejjaħ isem il-Mulej? Wieħed għandu jkompli jaqra jew jisma' x'għandu xi jgħid aktar l-Evanġelju dwar is-salvazzjoni. Dak li jsejjaħ isem il-Mulej, għandu wkoll:

(2) **Jemmen** (li Ġesù Hu 'l Kristu).

**Rumani 10:17,**

*"Għax il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu."*

**Lhud 11:6,**

*"Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jeħtieġlu jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh."*

**Ġwanni 8:24,**

*"Kif għedtilkom jien intom tmutu fi dnubietkom. Għax jekk intom ma temmnux li jien hu dak li hu, tmutu fi dnubietkom."*

Minn dan il-kliem jider ċar li wieħed għandu "jemmen" ukoll barra li "jsejjaħ isem il-Mulej" inkella jintilef. Imma mhux dan biss. Hemm xi ħaġa oħra wkoll li wieħed għandu jagħmel ma' li "jsejjaħ isem il-Mulej" u li "jemmen"! Dan għandu wkoll:

(3) **Jindem** (minn dnubietu tal-passat).

**Luqa 13:3,**

"*Le, ngħidlkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom.*"

Sa issa rajna li wieħed għandu "jsejjaħ isem il-Mulej", "jemmen" (jew ikollu l-fidi), u "jindem" biex isalva. Imma hemm xi ħwejjeġ oħra ma' dawn li dak għandu jagħmel biex isalva! Dak għandu:

(4) **Jistqarr** (li Ġesù u Kristu).

**Mattew 10:32,**

"*Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet.*"

**Luqa 12:8,**

"*U ngħidilkom li kullmin jistqarr quddiem il-bnedmin li huwa miegħi, Bin il-bniedem ukoll jistqarr li huwa miegħu quddiem l-anġli ta' Alla.*"

**Rumani 10:9,**

"*Jekk inti tistqarr b'fommok, 'Ġesù hu l-Messija,' u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva.*"

Mela issa qegħdin naraw ukoll li barra li wieħed għandu "jsejjaħ isem il-Mulej", "jemmen" (jew ikollu l-fidi), u "jindem" biex isalva, ma' dawn hu għandu wkoll "jistqarr" b'fommu li "Ġesù hu l-Messija." Qiegħed tara kemm huwa tagħlim falz dak it-tagħlim li wieħed isalva bil-"fidi biss"! Imma għad baqa' ħaġ'oħra ma' dawn li dak għandu jagħmel biex isalva! Dak għandu:

(5) **Jitgħammed** (qabel ma jkun salv mid-dnubiet).

**Mattew 28:19,**

"*Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

**Mark 16:16,**

"*Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat.*"

**Atti 2:38,**

"*U Pietru qalilhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

**1 Pietru 3:32,**

"*Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu.*"

Mela issa qegħdin naraw ukoll li barra li wieħed għandu "jsejjaħ isem il-Mulej", "jemmen" (jew ikollu l-fidi), "jindem" u "jistqarr" b'fommu li "Ġesù hu l-Messija," ma' dawn hu għandu wkoll jitgħammed" biex isalva. Dan tgħidu l-Kelma ta' Alla! Min se jissogra jżid, inaqqas jew jibdel xi ħaġa minn dan it-tagħlim orndat mill-Mulej għas-salvazzjoni tagħna? Min? Sfortunatament, hemm xi wħud li biddlu dan it-tagħlim u qegħdin igħallmu t-tagħlim tagħhom billi jgħidu li persuna ssalva "bil-fidi biss." Jekk hu hekk, jiġifieri li persuna ssalva "bil-fidi biss," allura la hemm il-bżonn li wieħed għandu "jsejjaħ isem il-Mulej", li "jemmen," li "jindem," li "jistqarr" b'fommu li "Ġesù hu l-Messija," u li "jitgħammed" biex isalva. Jekk dik il-persuna għandha l-fidi hija salva! Imma dak huwa tagħim tax-xitan u mhux ta' Alla, għalhekk għandu jkun imwarrab għalkollox!

**Atti 2:47,**

"*U kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għal l-ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi.*"

Ma hemm ebda vers li jgħid xi ħaġ'oħra ħlief li aħna lkoll "*mgħammda fi Kristu.*"

## SOMMARJU

Aħna għandna responsabbiltà kbira li nkunu nafu t-Triq ta' Alla. Isma' x'għandha xi tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan:

**Atti 17:30,**

"*Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injuranza; imma issa għagħarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu.*"

**Ġwanni 12:48,**

"*Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għedt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum.*"

**1 Pietru 4:17,**

*"Għax issa wasal iż-żmien tal-ġudizzju, li jibda mid-dar ta' Alla. U, jekk l-ewwel jibda minna, kif sa jeħilsuha dawk li ma jridux joqogħdu għal l-Evanġelju ta' Alla?"*

**2 Tessalonikin 1:7-9,**

*"U għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru, kif ukoll lilna, dak in-nhar li Sidna Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu b'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħrfux lil Alla, u 'l dawk li ma jobdux l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa tiegħu."*

Iva, jiena għandi nkun membru tal-knisja ta' Kristu, u mhux ta' xi denominazzjoni mwaqqfa mill-bnedmin għaliex il-knisja ta' Kristu:

1. Tagħraf il-Bibbja Mqaddsa bħala l-unika awtorità fi ħwejjeġ reliġjużi (Ġwanni 12:48-50).
2. Tħares biss għal-liġi li issa hi fl-effett għal dak li Alla jistenna minn għandna llum (Lhud 7:12).
3. Hija Skritturali fl-isem tagħha, fl-organizzazzjoni tagħha, fil-ħwejjeġ kollha tal-qima tagħha, u kondizzjonjiet li taħthom aħna nidħlu fil-knisja.
4. Issejjaħ għal għaqda tal-gruppi reliġjużi kollha fuq il-bażi tal-Bibbja **biss (Ġwanni 17:17-21).**

## KONKLUŻJONI

Issa, wieġeb int waħdek għal dawn il-ħames mistoqsijiet u agħmel dak li inti tkun weġibt:

1. Jekk inti ma tistax issib fil-Bibbja l-isem tal-knisja li inti tappartjeni għaliha, lest li tirrifjuta dak l-isem tagħha?
   IVA LE
2. Jekk inti ma tistax issib fil-Bibbja t-tqegħid ta' l-organizzazzjoni tal-knisja li inti tappartjeni għaliha, lest li tirrifjutaha?
   IVA LE
3. Jekk inti ma tistax issib fil-bibbja dak li għandu x'jaqsam mal-qima fil-knisja li inti tappartjeni għaliha, lest int li twarrbu?
   IVA LE

4. Jekk inti ssib li l-knisja li fiha inti membru tagħha tħalli predikaturi biex jibbażaw is-salvazzjoni fuq xi ħaġa li mhix dak kollu li Alla jikkmanda, lest biex tirrifjutaha?
   IVA LE
5. Lest int li tkun biss Kristjan tat-Testment il-Ġdid u tħalli lil Alla jżidek fil-knisja Tiegħu u mhux tkun membru ta' xi denominazzjoni?
   IVA LE

Tinsiex xi jgħid il-Mulej,

> "*Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi…Min għandu l-kmandamenti tiegħi, u jħarishom, dak hu li jħobbni…Jekk wieħed iħobbni, iħares kliemi…Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi…*" (Ġwanni 14:15, 21, 23, 24).
>
> "*U għaliex issejħuli: Mulej, Mulej, u ma tagħmlux dak li ngħid?*" (Luqa 6:46).

Lest int li tagħmel dak li jgħid il-Mulej u mhux il-bnedmin? (Atti 5:29).

## IPPREŻENTAT MINN:


Knisja ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew idħol fil-website tagħna u għandek issib dak kollu li teħtieġ fuq kważi kull suġġett:
www.churchofchristmalta.com


Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd – Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa – Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.

**Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana fl'indirizz ta' fuq.**